MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Numru 37/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**VS**

**MARK ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Zahra, ta' 36 sena, bin Joseph u Marianne nee' Azzopari, imwieled Tal-Pieta' nhar it-2 ta' Ottubru, 1971, residenti fil-fond imsejjah Redeemer, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 449371(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar it-22 ta' Lulju, 2006 bejn is-sitta u nofs ta' wara nofsinhar u l-ghaxra ta' fil-ghaxija, fix-Xghajra, ikkometta serq mill-fond fl-isem ta' Winidermere, sitwat fi Triq it-Torri ta' Alof de Wignacourt, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok ghad-dannu ta' John Fenech u/jew persuni ohra;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkonstanzi, xjentement laqa' ghandu jew/u xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u cioe' aparat ta' hi-fi, DVDs, u gojjelli;

3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkonstanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

4. U aktar talli kiser kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Dennis Montebello LL.D., nhar it-30 ta' Marzu, 2004;

5. U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju ta' dawn il-proceduri, wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 334, 325, 49, 50, u 289 tal- tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
U l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Mark Zahra hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-*Probation*, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------